32004D0131

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Frar 2004

li tagħraf, fil-prinċipju, it-tkomplija sħiħa tad-dokumenti mogħtija għall-eżami dettaljat b'rabta mad-dħul possibbli tal-FEN 560 u l-penoxsulam fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 274)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/131/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti [1], u l-aktar l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi biex tkun żviluppata lista tal-Komunità tas-sustanzi attivi awtorizzati biex jiddaħħlu fi prodotti tal-ħarsien tal-pjanti.

(2) Is-Société occitane de fabrications et de technologies kienet bagħtet dokument dwar is-sustanza attiva FEN 560 lill-awtoritajiet Franċiżi fl-24 ta' Ġunju 2003, flimkien ma' applikazzjoni biex din is-sustanza tiddaħħal fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Dwar il-penoxsulam, id-Dow AgroSciences kienet bagħtet dokument lill-awtoritajiet ta' l-Italja fid-29 ta' Novembru 2002, flimkien ma' applikazzjoni biex din is-sustanza tiddaħħal fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) L-awtoritajiet Franċiżi u Taljani kienu wrew lill-Kummissjoni li, f'eżami tal-bidu, id-dokumenti marbuta mas-sustanzi attivi kkonċernati kienu jidhru li jilħqu l-kriterji tat-tagħrif stabbiliti fl-Anness II għad-Direttiva 91/414/KEE. Id-dokumenti sottomessi jidhru li laħqu l-kriteri tat-tagħrif stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE dwar prodott wieħed għall-ħarsien tal-pjanti li fih ikun hemm is-sustanza attiva konċernata. Fi qbil ma' l-Artiklu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE, id-dokumenti ġew sottomessi mill-applikanti rispettivi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, u kienu referuti lill-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

(4) D'din id-Deċiżjoni għandu jiġi kkonfermat, fuq livell ta' Komunità, li d-dokumenti huma meqjusa bħala li jilħqu, fil-prinċipju, il-kriterji tat-tagħrif li hemm fl-Anness II u, li għal mill-inqas prodott wieħed tal-ħarsien tal-pjanti li jkollu s-sustanza attiva kkonċernata, il-kriterji stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tippreġudika d-dritt tal-Kummissjoni li titlob lill-applikant biex jissottometti aktar tagħrif lill-Istati Membru nnominat bħala relatur dwar sustanza partikolari, ħalli dan jiċċara ċerti punti li jkun hemm fid-dokument.

(6) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-dokumenti dwar is-sustanzi attivi li ġew identifikati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, li kienu ġew sottomessi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jinkiseb id-dħul ta' dawn is-sustanzi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, fil-prinċipju jilħqu l-kriterji tat-tagħrif stabbiliti fl-Anness II għad-Direttiva 91/414/KEE.

Id-dokumenti jilħqu wkoll il-kriterji tat-tagħrif stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 91/414/KEE dwar prodott wieħed tal-ħarsien tal-pjanti li fih ikun hemm is-sustanza attiva, waqt li jitqiesu l-użi proposti.

Artikolu 2

Sa mhux aktar tard mill-10 ta' Frar 2005, u kemm jista' jkun malajr, l-Istati Membri relaturi għandhom jissuktaw bl-eżami dettaljat dwar id-dokumenti konċernati u għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet ta' l-eżamijiet li jkunu għamlu. Ir-rapporti tagħhom iridu jkunu akkumpanjati b'dawk ir-rakkomandazzjonijiet għaliex is-sustanzi attivi kkonċernati għandhom (jew m'għandhomx) jiddaħħlu fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, flimkien mal-kondizzjonijiet relatati dwar dan.

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fid-9 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Is-Sustanzi attivi li huma konċernati b'din id-Deċiżjoni

Nru	L-Isem komuni, in-numru ta' l-identifikazzjoni CIPAC	L-Applikant	Id-data ta' l-applikazzjoni	Ir-Relatur ta' l-Istat Membru
1	FEN 560 CIPAC-Għadha mhix disponibbli	Société occitane de fabrications et de technologies	ta' l-24.6.2003	FR
2	Penoxsulam CIPAC-Għadha mhix disponibbli	Dow AgroSciences	tad-29.11.2002	IT